



Brussell, 4 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13437/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0334(NLE)

AVIATION 215
RELEX 938

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra - Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Novembru 2020 il- Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.
2. Il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra¹ fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.

¹ ĠU L 321, 20.11.2012, p. 3.

3. Il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2020. Il-Kumitat Konġunt stabbilit fl-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Ftehim u jiżgura l-implimentazzjoni tajba tiegħu.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ² u l-anness tiegħu³ fit-3 ta' Diċembru 2020.
5. It-testi, kif maqbula fil-Grupp ta' Ħidma, tħejjew mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill⁴.
6. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tal-Grupp ta' Ħidma u jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill flimkien mal-anness tagħha kif jinsabu fid-dokumenti 13380/20 u 13385/20 bħala punt "I/A" f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss.

² Id-dokument 13353/20

³ Id-dokument 13353/20 ADD 1

⁴ Id-dokumenti 13380/20 + 13385/20